MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 1726/2010

**Anthony Mizzi noe**
**vs**
**Liliana Risiott noe**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra l-avviz datat 23 ta' Dicembru, 2010 li permezz tieghu l-attur qed jeccepixxi illi:

Il-hlas ta' tlett elef u sitta u ghoxrin ewro (€3,026) rapprezentanti l-ammont ta' elf u erba' u erbghin ewro (€1,044) hlas dovut ghall-produzzjoni 'nkluz filming, editing u equipment ta' 'Demo' "*Ghal Maghmul M'Hemmx Kunsill*" mill-attur fuq inkarigu tal-intimata, u hlas ta' elf disa' mija u tnejn u tmenin ewro (€1,982) hlas dovut ghall-produzzjoni 'nkluz filming, editing u equipment ta' 'Demo' "*Il-Princep tal-Warda Bajda*" mill-attur fuq inkarigu tal-intimata, kopja tal-invoices relattivi annessi u mmarkati "Dok AM1 u AM2".

Bl-imghax mid-data ta' kull invoice relattiva sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez kontra l-intimata inkluz tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 4225/2010 prezentat kontestwalment, li hi minn issa ngunta in Subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta datata 25 ta' Jannar, 2011 fejn eccepixxa illi:

Il-prezz mitlub mir-rikorrenti bl-ebda mod ma jikkorrispondi ghal dak miftiehem u maqbul bejn il-partijiet in kwantu l-prezz originali kien gie bejn il-partijiet bi qbil rivedut, u dana kif ghandu jirrizulta mill-provi u t-trattazzjoni tal-kawza;

Illi fit-tieni lok u f'kull kaz il-prezz mitlub huwa esagerat u eccessiv u ma jikkorispondiex ghar-rati tas-suq ghall-servizz ta' dan il-generu;

Illi subordinament u bla pregudizzju ghas-suespost it-talba rikorrenti ma hijiex fondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi f'kull kaz l-eccipjenti tissottometti illi r-rikorrenti kien inadempjenti u bl-agir tieghu kkawzalha danni ingenti li dwaru l-eccipjenti minn issa tirriserva d-dritt t'azzjoni lilha spettanti skond il-Ligi.

Ra x-xhieda.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Illi din it-talba hija ghall-hlas ta' zewg "*demo tapes*" li saru mill-attur u li ghalihom ma thallasux. Illi t-talba hija kontestata.

Illi mix-xhieda rrizulta illi l-konvenuta kienet inkarigat lill-attur biex jaghmel zewg *demo tapes* ghall-zewg proposti lill-Public Broadcasting Servicse (PBS) ghall-produzzjonijiet ossia *"Ghal Maghmul m'Hemmx Kunsill*" u "*Il-Princep tal-Warda l-Bajda"* li riedet tipprezenta fuq it-television.[1]

[1] Ara ix-xhieda ta' Natalino Fenech a fol 21 u 22. Ara ukoll Doks NF1 u NF2, fol 39 sa 46

Illi l-partijiet kienu ltaqghu diversi drabi u ghamlu arrangement bejniethom dwar kif ser jahdmu flimkien. Hareg illi minkejja sforzi min-naha tal-konvenuta biex jintaghzlu l-PBS ghazlu wiehed biss[2] "*Il-Princep tal-Warda Bajda*", bil-kundizzjoni li kellhom jaghmlu 13-il sensiela u jibdlu l-cast.[3] Illi pero' ma kienx hemm qbil fuq il-kuntratt bejn il-partijiet fil-kawza odjerna fuq prezzijiet u anke kif se jahdmu flimkien. Illi ghalhekk minhabba n-nuqqas ta qbil, dewmien bejn il-partijiet gew skartati mill-PBS. Minkejja dan 'One Television' ghazlet li tuza l-produzzjoni "*Il-Princep tal-Warda Bajda'* ghall-sitt episodji u ghax-xoghol tal-filming editing etc il-konvenuta uzat lil xi haddiehor. Hawnhekk inqalghet il-kwistjoni mertu tal-kawza.

It-Tribunal ghalhekk irrid jistabilixxi jekk kienx hemm ftehim ghall-hlas jekk id-*demo tapes* jintaghzlu minn xi hadd u hi ma tuzax l-attur ghax-xoghol. Hareg li prezenti ghall-laqgha fejn intlahaq ftehim verbali kien hemm Anthony Mizzi u t-tifel tieghu Alan u Joseph Cassar li jahdem mieghu f'dan ix-xoghol. Kien hemm il-konvenuta Liliana Risiott u l-persuna li laqqathom flimkien li kien Frederick Zammit. L-attur ikkontesta li Frederick Zammit kien prezenti meta waslu ghall-ftehim.

Min-naha tieghu **Anthony Mizzi** xehed kemm il-darba illi "*Kienu ftehmu illi d-demos jkunu gratis, pero` jekk ix-xoghol jinhadem kollu ghandna. Dejjem jekk id-demo ikun ghogobha. Jekk hi tiehu d-demo taghna ghand hadd iehor trid thallas ta' kollox; u bil-kundizzjoni li jekk tiehu demo wiehed biss it-tieni wiehed thallas ghalih ukoll."*

**Alan Paul Mizzi** ddikjara li kien jattendi kull meeting li kienet involuta fih il-kumpanija ta' missieru u kien jiehu hsieb il-latt tekniku ossia kellu jiddettermina l-cameras, id-dawl li kellhom jintuzaw, u wkoll l-apparat. Illi l-ftehim kien li missieru ihallas ghal hlas tad-*demos*. Issa f'dan ir-rigward illi jekk jintghazel il-programm u jaghmlu x-xoghol ghad-*demos* ma kienux jithallsu taghhom.

"*Pero`u jekk ahna ma nintghazlux minnha kellha thallas ghad-demos. U dan kien il-ftehim bil-fomm. Pero' ma kien jaf jekk jekk fil-kaz li ma intaghzilx il-programm jekk kienx hemm xi ftehim ta' kif ser jithallsu".*

[2] Ara xhieda ta' Natalino Fenech a fol 21 u fol 48 u 47
[3] Ara dok 47

Xehed **Joseph Cassar** ukoll li qal li l-ftehim kien illi jahdmulha d-*demos* u dawn kienu biex tipprezentahom ghat-television, u jekk jintaghzlu mbaghad nahdmuhomlha ahna. Anke jekk jintaghzel wiehed minnhom ahna nahdmu ghaliha. Meta qed nghid li "*konna nahdmu ghaliha"* nghid illi ahna jekk jintaghzel wiehed minn dawn id-*demos*, jekk kien hemm tlettax (per ezempju) –il episodju ahna konna naghmlu x-xoghol tal- '*filming*' u l-*editing* ta' dawn it-13-il episodju. Bhala hlas ahna konna ftehma illi ahna niehdu riskju fuqna illi jekk ghad-*demos* nahdmu minghajr hlas pero` mbaghad jekk jintghazel wiehed minn dawn id-*demos* u x-xoghol kellu jsir u mbaghad nithallsu; ghalhekk konna qed niehdu riskju fuq id-*demos*. Nithallsu tax-xoghol li naghmlu. Li qed nghid huwa li ahna ghamilna zewg '*demos*', jekk jintaghzel wiehed minnhom ahna mbaghad naghmlu x-xoghol tal-*filming* u tal-*editing* tas-serje li tkun intghazlet. Jekk pero` tiddeciedi li ma tuzax lilna ahna rridu nithallsu tad-*demos*. Kien intghazel wiehed minnhom – "*Il Princep tal-Warda Bajda*" u kienet saret serje fuq il-'One Television'. Is-Sinjura Liliana Risiott ma nvolvitniex f' dan ix-xoghol.

**Liliana Risiott** min-naha taghha spjegat illi f'dan ix-xoghol in-norma li jsir ftehim bejn il-*producer* u l-*crew* tekniku u l-atturi (b'mod separat) jinhadem *demo tape* ta' bejn 15-20 il-minuta biex il-producer johoduha l-istazzjonijiet tat- TV u dan kollu bla hlas. Isir ftehim verbali illi jekk id-*demo* jintghazel jintuza il-crew tekniku li intuza ghad-*demo* basta li x-xoghol huwa sodisfacenti ghall-producer. Fil-kaz taghhom il-konvenuta ziedet li l-atturi kienu xtaqu *scripts* ta' produzzjonijiet ohra u fil-fatt ghaddiet 4 *scripts* u qatt ma talbet flus jew baghtet *invoices*.

Dwar il-ftehim li sar fil-laqghat pero' jidher illi l-fehma taghha kienet li ma kelliex ghalfejn thallas lill-attur. Hi kompliet li infatti tilfet l-opportunita' mal-PBS minhabba dewmien mal-attur, il-fatt li ma riedx irahhas il-prezzijiet u anke li ried certi klawzoli fil-kuntratt maghha li hi ma setghatx taqbel maghhom. Infatti kellha l-opportunita' tbiegh wiehed mill-produzzjonijiet ghand 'One Television' imma anke hawn kellha problema ma' Mizzi u ghalhekk biex ma titlifx l-opportunita' uzat lill-Horizons Limited u mhux lill-atturi fuq rakkomandazzjoni ta' 'One Television'.

Xehed **Frederick Zammit** li qal li hu kien li ressaq lis-Sinjuri Mizzi ma' Liliana Risiott. L-idea kienet illi jahdmu id f' id biex jaghmlu progetti. Kien involut f' certi laqghat; ghaliex kien jiehu hsieb il-*marketing* illi xtaq jghaqqad rizorsi ma' Liliana Risiott fuq ideat u kuncetti ghall-progrmmi filwaqt li Mizzi u Joseph Cassar jahdmu mill-latt tekniku. Intlahaq ftehim wara xi laqghat li Liliana kellha

tahdem fuq id-dokumentarji li Mizzi u Cassar kienu involuti fihom filwaqt li Mizzi jahdem id-*demos, dan kellu jkun tip ta' barter jigifieri z-zewg nahat ma jahdmux ghax-xoghol taghhom.* Illi bdew il-problemi ghaliex meta gew biex jinnegozjaw il-kuntratt Mizzi ried li jkun hu involut u li l-konvenuta ma tkellimx direttament lit-tifel Alan Paul. Dan kien impossibili ghalhekk minhabba id-dewmien il-PBS waqa' u ressaqt il-progett lil 'One Productions'. Pero hawnhekk rega beda jimponi prezzijet li kienu ser jaghmlu l-progett impossibli. Kien is-'Super One' stess li ssuggerew li juzaw lil 'Horizons'. Ix-xhud iddikjara illi meta beda l-iffilmjar ta' "*Il Princep tal-Warda Bajda*" Anthony Mizzi bghat invoices ghall-hlas tad-*demos*. Ix-xhud jghid li lill-Mizzi kien qallu "*Lil Liliana halliha bi kwietha"* basta li jiena nkompli fuq film iehor "*Imhabba fuq l-Gholja*" li ma ridtx nkompli. Is-Sur Mizzi kien ga hareg flus u kien involut sew, kien talabni li nkompli naghmel dan ix-xoghol u jiena bil-patt u l-kundizzjoni li jhalli lil Liliana Risiott bi kwieta, jiena accettajt illi naghmel dan ix-xoghol mieghu pero' jidher li Mizzi ma zammx kellmtu. Nikkonferma illi l-film ma kelllux x' jaqsam mad-*demos* kwistjoni ta' din il-kawza, l-unika involviment kien li jiena ma accettajtx li nahdem maghhom sakemm ikomplu bil-problemi li kellhom b' Liliana.

Hareg mix-xhieda li 'Horizons Limited' kien ta' tifel iehor ta' Mizzi, Kenneth Mizzi li kien miggieled ma' missieru u minn hemm bdew il-problemi.

Illi l-verzjonijiet tal-partjiet ikkontrastaw ghal dak li jirrigwardja l-ftehim kif kienu se jmexxu wara li sar ix-xoghol tad-*demo tapes* u tal-produzzjoni. Meta t-Tribunal ghandu quddiemu kunflitt ta' provi ghandu jara lil min huwa l-aktar kredibili . Ara **Farrugia vs Farrugia**[4] fejn intqal li:-

*"Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant".*

[4] (P.A. - 24 ta' Novembru, 1966) Ara ukoll **"George Bugeja vs Joseph Meilak"** (P.A.(TM) - 30 ta' Ottubru, 2003)

Illi ghat-Tribunal jidher car illi din kellha tkun xi tip ta "*joint venture*" li kulhadd jaghmel dak li jaf jaghmel u jekk jkollhom success kulhadd kien jithallas. Illi jekk min-naha l-ohra ma jkollhomx success u ma jintghazlux kulhadd jibqa' billi ha. Jigifieri kulhadd kellu jgorr element ta' riskju. L-izball f'dan il-kaz huwa li l-partijiet ma nnegozjawx il-kundizzjonijiet ta' kif kienu ser jahdmu flimkien bic-car u bil-miktub qabel u ghalhekk meta gew rinfaccjati b' komplikazzjonijiet wehhlu ghaliex l-affarijiet ma kienux cari bejniethom. It-Tribunal jhoss illi kulhadd ghandu jithallas ghax-xoghol li ghamel specjalment jekk wiehed mill-partijiet jkun ibbenifika mis-sitwazzjoni li ghaliha kkontribwixxa kulhadd. F'dan il-kaz Liliana Risiott tinsisti illi x-xoghol kellu jsir bla hlas u wara kollox hi kienet ghamlet xoghol bla hlas ghall-attur li qatt sallum ma talbet hlas ghalih. Dan jidher li huwa korroborat minn Frederick Zammit li mar oltre u qal li dan kien *barter* bejniethom. Illi pero t-Tribunal jhoss illi dan l-argument ma huwiex konvincenti specjalment in vista ta' kif giet prezentata r-risposta u sahansitra bil-verzjoni ta' fatti prezentati mill-konvenuta, imma min naha l-ohra lanqas ma taqbel mal-attur illi l-ftehim kien daqshekk car fuq kull sitwazzjoni kif jipprova jsostni l-attur. It-Tribunal ma jhossx illi setghu qablu fuq certu dettal bhal x'jigri f'kaz jekk ma jintaghzlux iz-zewg produzzjonijiet u li jekk anke tintghazel wahda mill-produzzjonijiet hu jithallas ghat-tnejn ghaliex milli jidher l-intenzjoni kien li tuza lilu biss anke fil-kliem tieghu stess "*jiena irrid nahdem maghkom u ma jimpurtanix dak li ticcargjawni*". Hareg car li fil-bidu meta sar l-ftehim il-konvenuta kellha kull intenzjoni li tuza lill-attur u l-ebda persuna ohra.

Illi t-Tribunal ihoss illi galadarba intghazlet wahda mill-produzzjonijet u ghalhekk ix-xoghol ta' Mizzi intuza a beneficcju tal-konvenuta mhux sew li l-attur ma jiehu beneficcju ta' xejn.

Ghalhekk hi ghandha thallas ta' dan id-*demo tape* li kellu success.

Huwa pacifiku illi t-Tribunal ghandu jaqta' kull talba li jkollu quddiemu principalment skont l-ekwita`. Dan hekk jipprovdi l-Artikolu 7 (1) tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dan it-Tribunal ihoss illi huwa ekwu u gust illi bniedem ghandu jithallas ghax-xoghol tieghu. Illi ma hemmx kontestazzjoni li x-xoghol sar skont is-sengha u l-arti [5]. Ghalhekk galadarba il-konvenuta bis-sahha ta wiehed mid-*demo tapes* intaghzlet u hadmet sensiela ta' programmi li ghalihom zgur thallset l-attur ghandu

[5] Ara Dok a fol 86.

jithallas ghall dan. It-Tribunal pero' ma jhossx illi ghandu jilqa' t-talba ghall-hlas tad-*demo* "*Ghall-Maghmul m' Hemmx Kunsill*"

***Il-Kwantum - Prezz***

Illi fl-eccezzjoni taghha l-konvenuta tiddikjara illi r-rati huma eccessivi u ma jirriflettux dawk li jintuzaw fis-suq.

L-attur ipprezenta Dok "AM 1" u Dok "AM 2" (a fol 5 u 6 tal-process) li jindikaw il-hlasijiet li qed jitlob *"Ghal Maghmul m' Hemmx Kunsill*" u "*Il-Princep tal-Warda l-Bajda*" rispettivament. Dan gie kkonfermat mit-tifel tieghu Alan Paul Mizzi li spjega fid-detall l-invoices indika illi r-*rates* li intuzaw huma aktar baxxi minn dawk tas-soltu. Rigward l-filmat "*huwa twenty Ewro kuljum .. illi s-soltu cameraman jiccargjalek xi twenty five Ewro fis-siegha; ahna f' dan il-kaz iccargjajna biss twenty Ewro fis-siegha. Rigward editing hawn min jiccargja aktar, it-thirty Ewro per hour huwa r-rata taghna*. *Fil-kaz tal-"Princep tal-Warda l-Bajda" kien ta' hamsa u tmenin siegha jew tmenin siegha nista' nghid. Fir-rigward tad-demos ukoll irid ikun ta' high quality ghaliex dan irridu inbieghuh lit-terzi*.

Ix-xhud pprezenta seba' tapes - dawn it-tapes juru l-hin tal-*camera man* u tas-*sound man* biss. Huwa notat li fir-rigward tal-hinijet dan ma giex kontestat.

**Anthony Mizzi** prezenta l-proposta finanzjarja ta' Liliana Risiott lill-PBS mil-latt tekniku li ghaliha kienet qed tippretendi hlas ghall-kull episodju kien fl-ammont ta' elfejn hames mija u tmienja u disghin Ewro (€2598). Bhala filming hija ccargjathom seba' mija u ghoxrin Ewro (€720); audio hija talbet sitt mija u tmienja u erbghin Ewro (€ 648); dawl talbet mija u hamsin Ewro (€150) u editing elf u tmenin Ewro (€1080). (Ara dok A fol 89)[6]. "*Il-Princep tal-Warda Bajda*" ma ntghazilx ghaliex kien ghali "expensive". Pero` mbaghad intaghzel minn stazzjon iehor. Fuq id-"*demo tapes"*, l-istess *demo* intaghzel fuq stazzjon iehor il-One TV, hareg ghal sitt episodju.

[6] Ara Dok a fol 89

Illi t-Tribunal jinnota illi l-konvenuta ma gabet l-ebda prova biex tissostanzja l-fatt illi l-prezzijiet ma humiex skont ir-rati tas-suq u jew li kienu eccessivi. Ihoss illi ghalhekk ghandu jilqa't-talba ghall-hlas ta' invoice Dokument "AM 2" elf disa' mija u tnejn u tmenin Ewro (€1,982).

**Decide**

Ghalhekk fic-cirkostanzi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjonijiet u jilqa't-talba in parti fl-ammont ta' elf disa' mija u tnejn u tmenin Ewro (€1,982) bl-imghaxijiet jiddekorru mid-data tal-invoice "dok AM2" sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes ghall-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------